**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 118**
**It-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - ĦADDIEMA FIRST AIDERS**

**7867. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm għandu impjegati, fid-dekasteru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, li huma First Aiders?

03/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-Ministeru għas-Saħħa hemm 5,307 impjegati biċ-ċertifikazzjoni ta' Basic and Advanced Life Support u 74 li huma First Aiders.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - ĦADDIEMA FIRST AIDERS**

**7868. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati, fid-dekasteru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, li huma First Aiders?

03/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu hemm 198 impjegat li huma First Aiders.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - ĦADDIEMA FIRST AIDERS**

**7869. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati, fid-dekasteru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, li huma First Aiders?

03/04/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-First Aiders kwalifikati fi ħdan dan il-Ministeru u dipartimenti u entitajiet li jaqgħu taħtu huma 8.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ĦADDIEMA FIRST AIDERS**

**7870. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati, fid-dekasteru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, li huma First Aiders?

03/04/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA FIRST AIDERS**

**7871. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati, fid-dekasteru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, li huma First Aiders?

03/04/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li hemm total ta' 114-il First Aider.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - ĦADDIEMA FIRST AIDERS**

**7872. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati, fid-dekasteru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, li huma First Aiders?

03/04/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar għandha 2 impjegati li huma kkwalifikati bħala first aiders u l-SPM Ltd. għandha impjegat wieħed li huwa first aider.

Seduta 118
08/05/2023

**IL-PIETÀ – TRIQ IX-XATT – RAPPORTI TA' NUQQAS TA' SIGURTÀ**

**7921. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport sar dwar nuqqas ta' sigurtà fi Triq ix-Xatt, Tal-Pietà u x'azzjoni ttieħdet sabiex jiġi assigurat li kemm ir-residenti kif ukoll il-ħwienet kummerċjali jkunu jistgħu jgħixu f'serħan il-moħħ?

10/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi matul il-perjodu ta' bejn Jannar 2023 u l-aħħar ta' Marzu 2023 kien hemm ħames rapporti li saru mal-Pulizija, dwar reati kkonsidrati li huma konnessi ma sigurtà, fi Triq ix-Xatt, Tal-Pietà, kif jidher fit-tabella hawn taħt. Bħal dejjem il-Pulizija tieħu kull azzjoni sabiex jiġi assigurat li kemm ir-residenti kif ukoll il-ħwienet kummerċjali jkunu jistgħu jgħixu f'serħan il-moħħ, u dan permezz ta' rondi, inkluż dawk li jsiru b'vetturi fost mezzi oħra, speċjalment meta l-analiżi juru li f'xi parti ta' dawn il-gżejjer jiżdiedu ir-reati, kif ukoll permezz ta' investigazzjonijiet biex jiġu identifkati persuni suspettati.

| Kategorija | 2023 |
|---|---|
| Attentat ta' serq | 1 |
| Feriti fuq il-persuna | 1 |
| Hsarat | 0 |
| Serq | 3 |
| Total | 5 |

Seduta 118
08/05/2023

**GWARDJANI FIL-ĦABS - REKWIŻITI**

**7922. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-rekwiżiti li jiġu assigurati biex persuna tidħol taħdem bħala gwardjan fil-ħabs?

10/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi r-rekwiżiti tal-eleġibbiltà biex tidħol bħala Uffiċjal Korrettiv fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu:
· ċittadini ta' Malta;
· kapaċi jikkomunikaw (kemm b'mod orali kif ukoll bil-kitba) bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;
· ikollhom ċertifikati f'żewġ (2) suġġetti f'Livell Ordinarju (mhux inqas minn Grad 5 jew C) jew kwalifika komparabbli f'Livell 3 tal-MQF, fil-Malti u l-Ingliż;
L-applikanti li ma jkollhomx ċertifikati f'Livell Ordinarju (mhux inqas minn Grad 5 jew C) fil-Malti u fl-Ingliż, iridu joqogħdu għal eżami bil-miktub fis-suġġett/i meħtieġ/a (il-Malti u/jew l-Ingliż)

Jew
· ikollhom Ċertifikazzjoni mill-Iskola f'Livell 1 tal-MQF, li temmew b'suċċess il-Ħames Sena Sekondarja u jkollhom xi esperjenza ta' xogħol, preferibbilment bħala mastrudaxxa, ħaddied, dawl u ilma, mekkanik, bennej u fil-ħjata. Ser tingħata preferenza lill-applikanti li jkollhom ċertifikati f'Livell Ordinarju fi Grad 7 jew ogħla u/jew bil-liċenzji neċessarji fis-sengħa rispettiva. Ser tingħata wkoll preferenza lil dawk li jkollhom liċenzja ta' gwardjan tas-sigurtà.

Jew
· li jkunu servew f'Korp Dixxiplinat (jiġifieri, Navali, Militari jew tal-Ajru, Korp tal-Pulizija, Servizzi Korrettivi, Protezzjoni Ċivili jew Servizz ta' Detenzjoni) għal mhux anqas minn erbgħa u għoxrin (24) xahar, u li jkollhom fil-pussess tagħhom ċertifikat ta' mertu tas-servizz maħruġ mill-Kap tal-Korp Dixxiplinarju rispettiv;
· ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena imma mhux l-erbgħin (40) sena sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet;
· ta' mhux inqas mit-tul minimu meħtieġ, jiġifieri 1.57m għall-irġiel u 1.52m għan nisa, u ta' bilanċ aċċettabli bejn il-piż u t-tul tal-persuna;
· ta' kondotta li hi xierqa għall-pożizzjoni li l-persuna qed tapplika għaliha. L-Applikanti jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita` oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji; u
· eliġibbli li jieħdu l-ħatra tagħhom, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet imma wkoll fid-data tal-ħatra
· jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji; u
· eliġibbli li jieħdu l-ħatra tagħhom, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet imma wkoll fid-data tal-ħatra.

Seduta 118
08/05/2023

**GWARDJANI TAL-ĦABS – FEDINA PENALI SABIEX TIDĦOL TAĦDEM JEW TINGĦATA PROMOZZJONI**

**7923. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk biex persuna tidħol taħdem bħala gwardjan il-ħabs, u/jew tingħata promotion fil-ħabs, il-fedina penali tagħha tittieħidx inkonsiderazzjoni?

10/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel referenza għall-mistoqsija parlamentari 7922 b'referenza għar-rekwiżiti mitluba biex persuna tidħol taħdem bħala uffiċjal korrettiv mal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. Infurmat li dwar promozzjoni fost l-oħrajn tiġi kkunsidrata l-imġiba u l-kondotta tal-uffiċjal fil-faċilità waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Seduta 118
08/05/2023

**KORP TAL-PULIZIJA – ĦLAS BIEX JAKKUMPANJAW IL-PURĊISSJONIJIET TAL-FESTI TAR-RANDAN U L-GĦID**

**7924. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti li tħallsu mill-għaqdiet volontarji, rispettivament għal-lokalitajiet, sabiex membri tal-Korp tal-Pulizija jkunu jistgħu jakkumpanjaw il-purċissjonijiet matul il-festi tar-Randan u l-Għid?

10/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li għal purċissjonijiet tradizzjonali tal-Knisja Kattolika tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid ma jintalabx ħlas.

Seduta 118
08/05/2023

**RESIDENTI FID-DJAR TAL-ANZJANI – PREKAWZJONIJIET BIEX JAGĦMLU KUNTATT MA' PROFESSJONISTI**

**7925. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-prekawzjonijiet li jittieħdu sabiex persuni residenti fid-djar tal-anzjani jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jagħmlu kuntatt ma' professjonist tal-għażla tagħhom?

10/04/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li residenti fid-djar tal-anzjani taħt l-iskema tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandhom is-servizzi bla ħlas ta' professjonisti iżda għandhom ukoll id-dritt li jagħmlu kuntatt ma' professjonisti tal-għażla tagħhom fejn u meta jridu.

Seduta 118
08/05/2023

**PROĠETT TAL-POWERSTATION TAL-GASS - RENDIKONT TAL-PAGAMENTI TA' DAZJU TAS-SISA**

**7926. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tal-pagamenti relattivi, meta saru u minn min tħallas id-dazju tas-sisa fuq il-proġett tal-power station tal-gass? Jista' jispjega wkoll il-kalkoli ta' dawn l-ammonti mħallsa?

10/04/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-bidu tal-operazzjonijiet, jiġifieri Frar tal-2017, sa Frar tal-2023, il-kumpanjia Electrogas Malta Ltd ħallset lid-Dwana ta' Malta t-total ta' €11,757,412 bħala Dazju tas-Sisa; u €602,389 bħala Taxxa fuq il-Valur Addizzjonali fuq l-elettriku ġġenerat mill-impjant tagħha.

Mill-bidu tal-operazzjonijiet, jiġifieri Marzu tal-2017, sa Frar tal-2023, il-kumpanijaDelimara 3 Power Generation Ltd ħallset lid-Dwana ta' Malta t-total ta' €3,963,315 bħala Dazju tas-Sisa; u €346,752 bħala Taxxa fuq il-Valur Addizzjonali fuq l-elettriku ġġenerat mill-impjant tagħha.

Rigward ħlas fuq apparat, turbini, eċċ; relatati mal-bini tal-impjant innifsu, id-Dazju tas-Sisa ma japplikax.

Seduta 118
08/05/2023

**AĠENZIJA MALTIJA GĦALL-IKEL – ĦIDMA F'GĦAWDEX**

**8152. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid xi rwol u funzjonijiet għandha l-Aġenzija Maltija għall-Ikel ġewwa Għawdex? Jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-Ministeru tiegħu, permezz tal-Aġenzija Maltija għall-Ikel, jibda jopera s-suq tal-bdiewa ġewwa l-gżira ta' Għawdex bħalma qed isir f'diversi postijiet f'Malta?

19/04/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Il-Malta Food Agency (MFA) twaqqfet biex tagħti servizzi pubbliċi fir-rigward tal-ikel li ġej mill-biedja u s-sajd. Wara s-suċċess li kellu s-suq tal-bdiewa ġewwa Ta' Qali u reċentement dak tal-Birgu, il-Malta Food Agency li hi responsabbli wkoll għas-swieq, qed tevalwa l-possibbiltà li jkun hemm iktar swieq tal-bdiewa f'lokalitajiet differenti fosthom ukoll ġewwa Għawdex.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA STAZZJONATI F'KEMMUNA**

**8153. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu li huma stazzjonati f'Kemmuna u minn liema dipartiment ġejjin dawn il-ħaddiema? X'inhu x-xogħol ta' kull wieħed minn dawn il-ħaddiema f'Kemmuna matul is-sena?

19/04/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm 18-il ħaddiem inaddfu Kemmuna b'mod partikolari l-area tal-blue Lagoon. Kuljum qed iniżżlu madwar tunnellata u nofs skart.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTRU GĦAL GĦAWDEX – LAQGĦAT BARRA MINN MALTA FUQ XOGĦOL MINISTERJALI**

**8179. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7573 fl-intier tagħha u jgħid min akkumpanjah f'kull safra (isem, kunjom u pożizzjoni) u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ, akkomodazzjoni u spejjeż oħrajn għal kull safra?

20/04/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 118
08/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – DIĠITALIZZAZZJONI TAL-FILES**

**8215. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7693, jista' l-Ministru jagħti rendikont, f'terminu ta' persentaġġ mill-ammont ta' files totali jew il-kwantità ta' files li ġew diġitalizzati sa minn meta ngħata bidu għall-proċess ta' diġitalizzazzjoni?

21/04/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sar sforz straordinarju sabiex jitnaqqsu l-files li qegħdin 'in circulation' u li jagħmlu parti mid-day-today għaliex dawn sal-lum jirrappreżentaw *circa* 7.0% tal-files kollha li l-Awtorità għandha. Għaldaqstant il-prijorità qiegħda tingħata sabiex fil-futur qarib, dawn il-files li jappartjenu mad-day-to-day jiġu scanned kollha sabiex imbagħad jitkompla l-proċess tad-diġitalizzazzjoni tal-arkivji tal-istess Awtorità.

Seduta 118
08/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - APPLIKAZZJONIJIET**

**8216. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni rċeviet l-Awtorità tal-Artijiet matul is-snin 2017, 2018 u 2019, maqsumin sena b'sena? Kemm minn dawn għadhom pendenti?

21/04/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li applikazzjonijet kienu jiġu milqugħa manwalment fis-snin msemmija. Għaldaqstant sabiex tiġi kkumpilata d-data mitluba, din tieħu ammont ta' ħin sostanzjali minħabba l-element manwali involut.

Seduta 118
08/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - APPLIKAZZJONIJIET**

**8217. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7694, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni dwar it-tifsira tat-terminu 'Not Yet Validated' fil-każ ta' applikazzjonijiet li rċeviet l-Awtorità tal-Artijiet?

21/04/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-terminu inkwistjoni jirreferi għall-applikazzjoni mibgħuta li jkunu għadhom ma jistgħux jiġu aċċettati bħala validi għax ikun jonqoshom x'infomazzjoni, jew dawk li għadhom kif daħlu reċentement u jkunu għadhom iridu jgħaddu mill-ewwel stadju ta' skrutinju qabel jiġu aċċettati bħala applikazzjonijiet validi.

Seduta 118
08/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - APPLIKAZZJONIJIET**

**8218. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7694, jista' l-Ministru jindika sena b'sena kemm mill-applikazzjonijiet imniżżlin bħala 'In Process' jappartjenu għas-snin li saret il-mistoqsija fuqhom, ċjoè mill-1 ta' Settembru 2020 sal-ġurnata li fiha ġiet imwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/04/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-data mitluba tinkorpora l-applikazzjonijiet li daħlu fil-perjodu mitlub minn Settembru 2020.

Seduta 118
08/05/2023

**STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TA' AMBULANZA**

**8219. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7695, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid mis-sejħiet kollha li saru għas-servizz ta' ambulanza fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija, irrispettivament mill-urġenza tal-każ, kemm hi l-medja ta' stennija mill-ħin li persuna tagħmel kuntatt mas-servizzi ta' emerġenza sakemm tasal l-ambulanza, u jgħid ukoll kemm kienet l-itwal stennija?

21/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 7695.

Seduta 118
08/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – CT 2163/2021**

**8220. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7697, jista' l-Ministru jagħti d-dati ta' meta nħarġet is-sejħa biex avukati jipprovdu servizzi legali lill-Awtorità tal-Artijiet (CT 2163/2021), u meta din is-sejħa ġiet ikkanċellata?

21/04/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-dati ta' meta nħarġet is-sejħa skont il-pubblikazzjoni tat-tender fuq EPPS hija 2 ta' Frar 2022, filwaqt li l-Awtorita' ta l-Artijiet kitbet lid-Dipartiment tal-Kuntratti fis-27 ta' Marzu 2023 fejn infurmathom li m'għandhiex aktar bżonn it-Tender peress li kienet ser tħaddem metodi differenti ta' ipprokrar tas-servizzi.

Seduta 118
08/05/2023

**DEĊIŻJONIJIET MILL-FIAU DWAR PENALITAJIET SOSTANZJALI**

**8229. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għad-diversi deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) matul dawn l-aħħar snin, fejn ġew imposti penalitajiet sostanzjali, li f'ħafna mill-istanzi dawn qed jiġu kkontestati b'suċċess quddiem il-qrati (Sede Kostituzzjonali) bħala li huma bi ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, u dan fid-dawl tad-deċiżjonijiet diġà meħuda mill-Qrati, bħas-sentenzi li l-informazzjoni dwarhom qed tintbagħat separatament, jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex qed jiġi kkonsidrat x'miżuri leġiżlattivi jistgħu jittieħdu biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni dwar il-penalitajiet li qed tkompli timponi l-FIAU?

21/04/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi niċċara li sa issa kien hemm biss deċizjoni waħda, dik fir-rigward ta' Phoenix Payments Limited vs L-Avvukat tal-Istat u l-FIAU, u din mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-ġuriżdizzjoni kostituzzjonali tagħha, fejn il-provvedimenti tal-Att kontra l-Money Laundering (l-Att) u tal-leġiżlazzjoni sussidarja maħruġa taħtu, li jagħtu s-setgħa u jpoġġu obbligu fuq il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (il-Korp) li jimponi multi amministrattivi, u mhux l-aġir tal-istess Korp, ġew meqjusa bħala li jiksru ċertu provvedimenti kostituzzjonali.
Din id-deċiżjoni hija tat-tħassib għal dak li għandu x'jaqsam mal-mekkaniżmu ta' infurzar fuq ksur tar-regolameni kontra l-ħasil tal-flus, speċjalment meta l-pajjiż għadu kemm għadda mill-proċess tal-greylisting tal FATF proprju minħabba li kien hemm nuqqas ta' infurzar effettiv kontra ksur ta' dan it-tip.
*In vista* ta' dan, kemm il-Korp u kif ukoll l-Avvukat tal-Istat ħassew li għandhom l-obbligu li jeżerċitaw id-dritt ta' appell tagħhom quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-aħjar interess tal-Pajjiż u fil- fatt jien infurmat li ż-żewġ entitajiet ippreżentaw appell minn din id-deċiżżjoni.

Għalhekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-ewwel grad għadha mhijiex waħda finali.

Seduta 118
08/05/2023

**BCA – KAŻIJIET DWAR TWAQQIF TA' XOGĦOL FUQ SITI TA' KOSTRUZZJONI**

**8253. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-każijiet li fihom l-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) waqqfet ix-xogħol fuq siti ta' kostruzzjoni matul din is-sena? X'kienu r-raġunijiet għala twaqqaf ix-xogħol li kien qed isir u kemm-il każ kien hemm għal kull tip ta' raġuni?

24/04/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li matul din is-sena, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) irreġistrat 194 każ b'ordni ta' waqfien mix-xogħol fuq siti ta' kostruzzjoni. In-numru ta' każijiet flimkien mar-raġunijiet għaliex twaqqaf ix-xogħol qed jiġu spjegati hawn taħt:

| **Numru ta' każijiet** | **Raġuni** |
|---|---|
| 139 każ | Bidu ta' xogħlijiet mingħajr dokumentazzjoni/ approvazzjoni bil-miktub ta' l-Awtorità |
| 11-il każ | Nuqqas ta' responsabbilitajiet għall-implimentazzjoni tal-miżuri tad-dikjarazzjoni tal-metodu |
| 42 każ | Nuqqas ta' prekawzjonijiet meħtiega sabiex ma jirriżultax ħsara mill-infiltrazzjoni ta' ilma lill-proprjetajiet kontigwi |
| 2 każijiet | Xogħlijiet barra mill-ħin permissibli |

Seduta 118
08/05/2023

**BORD GĦAS-SOLUZZJONI TA' TILWIM GĦAL NETWORKS DWAR L-UTILITAJIET - MEMBRI**

**8289. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7809, jista' l-Ministru jagħti ħjiel dwar meta se jinħatru l-membri tal-Bord għas-Soluzzjoni ta' Tilwim għal Networks dwar l-Utilitajiet?

25/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Bord għas-Soluzzjoni ta' Tilwim għal Networks dwar l-Utilitajiet għadu fil-proċess biex jiġu maħtura l-membri tal-Bord.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ĦADDIEMA**

**8290. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid sal-aħħar ta' Marzu 2023 kemm kien hemm ħaddiema fil-Ministeru tiegħu fil-grad ta' Foreman; Foreman Roads; Foreman Carpentry; Foreman Agriculture; u Foreman Cleansing? Jista' jgħid ukoll ma' liema Direttorat/Diviżjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jaħdmu? Jista' jgħid kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa?

25/04/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 118
08/05/2023

**UFFIĊJALI TAL-FIAU LI ATTENDEW LAQGĦA FIL-BERĠA TA' KASTILJA**

**8302. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min kienu l-uffiċjali li fis-17 ta' April 2023 iltaqgħu fil-Berġa ta' Kastilja bit-tema tkun l-appell tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) dwar id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tal-istess FIAU? Min mexxa din il-laqgħa?

25/04/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Dwar l-għan tal-laqgħa nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 8109.

Seduta 118
08/05/2023

**PULIZIJA – KAŻIJIET TA' RAPPORTI DWAR RAPE**

**8309. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rapporti dwar rape, sena b'sena, matul l-aħħar għaxar snin?

26/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 118
08/05/2023

**QRATI – KAŻIJIET TA' RAPPORTI DWAR RAPE**

**8310. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rapporti dwar rape, sena b'sena, matul l-aħħar għaxar snin?

26/04/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 118
08/05/2023

**PULIZIJA – PERSUNI INVESTIGATI DWAR KAŻIJIET TA' RAPE**

**8311. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew investigati persuni dwar rape, sena b'sena, matul l-aħħar għaxar snin? Jista' jgħid kemm minn dawn il-persuni tressqu l-Qorti?

26/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 118
08/05/2023

**QRATI – PERSUNI INVESTIGATI DWAR KAŻIJIET TA' RAPE**

**8312. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew investigati persuni dwar rape, sena b'sena, matul l-aħħar għaxar snin? Jista' jgħid kemm minn dawn il-persuni tressqu l-Qorti?

26/04/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 118
08/05/2023

**PULIZIJA – PERSUNI LI NSTABU ĦATJA FUQ RAPE**

**8313. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm instabu ħatja persuni fuq rape u kemm ġew liberati? Fil-każijiet fejn ġew liberati, f'kemm-il każ saru, jekk saru, investigazzjonijiet għal potenzjal rapport falz u jekk tressqux persuni l-Qorti dwar dawn?

26/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 118
08/05/2023

**OMBUDSMAN GĦALL-EDUKAZZJONI – KAŻ KONTRA L-MFHEA**

**8327. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex minnu li matul is-sena li għaddiet l-Ombudsman għall-Edukazzjoni rrakkomanda każ kontra l-Malta Further & Higher Education Authority, (MFHEA), u jekk dan huwa minnu, kemm kienet l-ispiża inkorsa, x'kienet in-natura tal-każ u min approva l-pagamenti relattivi?

27/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 118
08/05/2023

**MFHEA - KONSULENTI**

**8328. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm konsulenti ingaġġati mal-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) u kemm minnhom ġew hekk ingaġġati fl-aħħar sentejn? Jista' wkoll jgħid jekk dawn sarux bl-approvazzjoni tal-Bord relattiv?

27/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 118
08/05/2023

**MFHEA – ESTENSJONI TAL-LIĊENZJA LILL-AUM**

**8329. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex minnu li l-estensjoni tal-liċenzja mill-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) lill-American University of Malta (AUM) għal perjodu ulterjuri ta' ħames snin ma ġietx approvata formalment mill-Bord billi meta din ġiet imħabbra, dan il-Bord ma kienx legalment kompost u ma kienx qiegħed jiltaqa'?

27/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-liċenzja ġiet mġedda abbażi tal-Institutional audit li sar f'Lulju tas-sena 2021 u infurmat ukoll li dan l-audit ġie approvat mill-bord tal-MFHEA.

Seduta 118
08/05/2023

**MFHEA - INFIQ**

**8330. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma li fl-aħħar erba' snin l-infiq fil-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) qabeż in-€0.5 miljun ta' dak li kien approvat mill-estimi?

27/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 118
08/05/2023

**MFHEA – SEJĦA PUBBLIKA GĦAL ĦATRA MILL-ĠDID TA' CEO**

**8331. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma li fi ħdan il-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) kull tliet snin għandu jkun hemm sejħa pubblika għall-ħatra mill-ġdid ta' CEO? Jekk dan huwa minnu, jista' jgħid jekk din il-prattika ġietx segwita jew le?

27/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-CEO preżenti ġġeddilha l-kuntratt fis-sena 2021 meta l-Bord tal-Awtorità ddeċieda li jagħmel dan hekk kif stipulat fil-kuntratt ta' ingaġġ tal-kuntratt preċedenti tal-istess CEO.

Seduta 118
08/05/2023

**MFHEA – REVIŻJONI TAL-OPERAT**

**8332. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul dawn l-aħħar snin saritx reviżjoni indipendenti tal-operat tal-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) u jekk iva, jista' jgħid x'kienu dawn ir-rakkomandazzjonijiet, minn min saru u jqiegħed kopja ta' dan fuq il-Mejda tal-Kamra?

27/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - IMPJEGATI ĠODDA**

**8347. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6778 dwar persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' impjegati minn kull lokalità msemmija fit-tweġiba?

27/04/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'rabta mat-tweġiba għall-mistoqsija numru 6778, il-lokalitajiet inkwistjoni huma:

| | |
|---|---|
| Kerċem | 1 |
| Birżebbuġa | 1 |
| Tarxien | 1 |
| Luqa | 2 |
| Imqabba | 1 |
| Gudja | 1 |
| Qormi | 2 |
| Mellieħa | 1 |
| Żabbar | 1 |
| Dingli | 1 |
| Birkirkara | 1 |
| Ħaż-Żebbuġ | 1 |
| Naxxar | 1 |
| Gżira | 1 |

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - IMPJEGATI ĠODDA**

**8348. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6786 dwar persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għas-Saħħa, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' dawn l-impjegati maqsuma skont il-lokalità li ġejjin minnha?

27/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tabella t'hawn taħt tindika l-lokalità li ġejjin minnha persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għas-Saħħa.

| | | |
|---|---|---|
| Attard | Mosta | Valletta |
| B'Kara | Mqabba | Vittoriosa |
| Dingli | Msida | Xgħajra |
| Fgura | Mtarfa | Żabbar |
| Għaxaq | Naxxar | Żebbuġ Gozo |
| Iklin | Paola | Żebbuġ Malta |
| Kalkara | San Ġwann | Żejtun |
| Kirkop | Sannat | Żurrieq |
| Marsascala | Siġġiewi | |
| Mdina | Sliema | |
| Mellieħa | St Venera | |
| Mġarr, Malta | Tarxien | |

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - IMPJEGATI ĠODDA**

**8349. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6783 dwar persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' impjegati minn kull lokalità msemmija fit-tweġiba?

27/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta għal din il-Mistoqsija Parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IMPJEGATI ĠODDA**

**8350. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6789 dwar persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimal, jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' impjegati minn kull lokalità msemmija fit-tweġiba?

27/04/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni kollha mitluba tinsab fit-tweġiba li ngħatat preċedentement.

Seduta 118

08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – IMPJEGATI ĠODDA**

**8351. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6780 dwar persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-ammont ta' impjegati minn kull lokalità msemmija fit-tweġiba?

27/04/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 6780.

Seduta 118
08/05/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - IMPJEGATI ĠODDA**

**8352. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6785 dwar persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Prim Ministru, jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' impjegati minn kull lokalità msemmija fit-tweġiba?

27/04/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qed inpoġġi t-tagħrif mitlub fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 118
08/05/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI - STUDENTI**

**8355. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti f'kull skola sekondarja f'Malta u Għawdex? Jista' għal kull skola jgħid kemm minnhom huma Maltin u kemm minnhom mhumiex Maltin?

27/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 118
08/05/2023

**SKEJJEL POST-SEKONDARJI - STUDENTI**

**8356. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti f'kull skola post-sekondarja f'Malta u Għawdex? Jista' għal kull skola jgħid kemm minnhom huma Maltin u kemm minnhom mhumiex Maltin?

27/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Skola | Studenti Maltin | Studenti mhux Maltin |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Junior College | 1713 | 98 |
| GEM 16 + | 42 | 45 |
| Giovanni Curmi Higher Secondary | 827 | 135 |
| Sir MA Refalo Sixth Form | 358 | 38 |
| MCAST | 7865 | 2776 |

Seduta 118
08/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – BEJGĦ TA' PROPRJETÀ**

**8357. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8226 u jagħti tagħrif dwar kemm kien hemm tenders għal bejgħ ta' proprjetà mill-Awtorità tal-Artijiet fil-lokalitajiet tat-12-il Distrett Elettorali mill-2020 sal-lum? Liema kienet il-proprjetà f'kull tender? Liema minn dawn it-tenders ġew konklużi u liema għadhom pendenti? Fejn it-tenders ġew konklużi, jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-valur stmat mill-Awtorità, f'kull każ separatament u kemm kien il-valur tal-offerta li ġiet aċċettata?

27/04/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 118
08/05/2023

**IN-NAXXAR/IS-SALINI – PROĠETT TA' MAIN TAL-ILMA**

**8358. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanta tar-rotta tal-main tal-ilma bejn il-ġibjun fin-Naxxar u r-roundabout tas-Salini kif indikat fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8225? Tista' wkoll tindika liema parti tar-rotta (kif indikat fit-tweġiba) fil-fatt hija lesta?

27/04/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti relatati mal-proġett indikat. Il-parti mmarkata bil-kulur isfar f'waħda mill-pjanti huwa x-xogħol imwettaq mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma filwaqt li dik immarkata roża saret minn Infrastructure Malta.

Seduta 118
08/05/2023

**KAŻIJIET TA' SERQ MINN RESIDENZI PRIVATI**

**8359. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ta' serq minn residenzi privati (appartamenti, djar eċċ.) ġie rrappurtat, lokalità lokalità, minn Jannar 2021 sad-data ta' meta qiegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari?

27/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn Jannar 2021 u l-aħħar ta'Marzu 2023 in-numru ta' każi ta' serq minn residenzi li ġew irrappurtati fis-sistema tal-Pulizija skond il-lokalità, kien kif jidher fit-tabella hawn taħt. Il-figuri fis-sistema jinkludu kull tip ta' residenza, inkluż dawk mikrija, kif ukoll residenzi li jintużaw bħala djar tal-anzjani u kif jidher taħt il-kategoriji indikati fl-intestatura fl-istess tabella.

| | Residenzi – minn barra | Residenzi – Okkupati | Residenzi – mhux okkupati |
|---|---|---|---|
| **2021** | | | |
| ATTARD | 4 | 4 | 1 |
| BALZAN | 2 | 2 | 0 |
| BIRGU | 0 | 3 | 0 |
| BIRKIRKARA | 5 | 16 | 4 |
| BIRZEBBUGIA | 3 | 14 | 4 |
| BORMLA | 5 | 8 | 1 |
| DINGLI | 0 | 0 | 1 |
| FGURA | 5 | 5 | 0 |
| FLORIANA | 1 | 4 | 0 |
| GHAJNSIELEM - GHAWDEX | 0 | 0 | 2 |
| GHARB - GHAWDEX | 0 | 0 | 1 |
| GHARGHUR | 0 | 1 | 0 |
| GHAXAQ | 0 | 2 | 1 |
| GUDJA | 2 | 0 | 1 |
| GZIRA | 10 | 8 | 1 |
| HAMRUN | 2 | 9 | 4 |
| ISLA | 0 | 8 | 0 |
| KALKARA | 1 | 1 | 0 |
| LIJA | 0 | 1 | 0 |
| LUQA | 0 | 2 | 0 |
| MARSA | 2 | 18 | 2 |
| MARSASKALA | 7 | 21 | 0 |
| MARSAXLOKK | 0 | 1 | 0 |
| MELLIEHA | 0 | 10 | 1 |
| MGARR | 1 | 2 | 1 |
| MOSTA | 2 | 11 | 0 |
| MSIDA | 5 | 4 | 6 |
| MUNXAR - GHAWDEX | 0 | 2 | 0 |
| NAXXAR | 0 | 12 | 4 |
| PAOLA | 0 | 6 | 3 |
| PEMBROKE | 0 | 7 | 0 |
| PIETA' | 0 | 6 | 4 |
| QORMI | 4 | 17 | 2 |
| QRENDI | 0 | 2 | 1 |
| RABAT | 2 | 3 | 0 |
| RABAT - GHAWDEX | 1 | 0 | 0 |
| SAFI | 0 | 1 | 0 |
| SAN GILJAN | 3 | 17 | 1 |
| SAN GWANN | 3 | 17 | 2 |
| SAN PAWL IL-BAHAR | 14 | 56 | 6 |
| SANNAT - GHAWDEX | 0 | 0 | 1 |
| SANTA LUCIJA | 0 | 2 | 0 |
| SANTA VENERA | 0 | 4 | 5 |
| SIGGIEWI | 2 | 7 | 0 |
| SLIEMA | 1 | 14 | 1 |
| SWIEQI | 0 | 20 | 0 |
| TA' XBIEX | 0 | 2 | 0 |
| TARXIEN | 0 | 3 | 1 |
| VALLETTA | 10 | 9 | 0 |
| XAGHRA - GHAWDEX | 0 | 3 | 1 |
| XEWKIJA - GHAWDEX | 1 | 2 | 1 |
| XGHAJRA | 0 | 0 | 1 |
| ZABBAR | 4 | 5 | 2 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ZEBBUG | 3 | 8 | 2 |
| ZEBBUG - GHAWDEX | 1 | 1 | 0 |
| ZEJTUN | 2 | 4 | 3 |
| ZURRIEQ | 2 | 5 | 1 |
| **2022** | | | |
| ATTARD | 0 | 10 | 0 |
| BALZAN | 0 | 3 | 0 |
| BIRGU | 0 | 2 | 0 |
| BIRKIRKARA | 7 | 15 | 2 |
| BIRZEBBUGIA | 1 | 9 | 5 |
| BORMLA | 5 | 7 | 3 |
| FGURA | 1 | 3 | 1 |
| FLORIANA | 3 | 4 | 1 |
| GHAJNSIELEM - GHAWDEX | 0 | 1 | 1 |
| GHARGHUR | 2 | 1 | 0 |
| GHAXAQ | 1 | 2 | 2 |
| GUDJA | 1 | 1 | 0 |
| GZIRA | 1 | 11 | 2 |
| HAMRUN | 4 | 9 | 3 |
| ISLA | 0 | 3 | 0 |
| KIRKOP | 1 | 1 | 1 |
| LIJA | 0 | 3 | 0 |
| LUQA | 1 | 0 | 1 |
| MARSA | 1 | 6 | 3 |
| MARSASKALA | 2 | 9 | 2 |
| MARSAXLOKK | 3 | 0 | 1 |
| MELLIEHA | 2 | 7 | 1 |
| MGARR | 0 | 1 | 0 |
| MOSTA | 4 | 8 | 2 |
| MSIDA | 4 | 12 | 1 |
| MTARFA | 0 | 1 | 0 |
| MUNXAR - GHAWDEX | 0 | 1 | 0 |
| NADUR - GHAWDEX | 2 | 0 | 2 |
| NAXXAR | 3 | 7 | 2 |
| PAOLA | 4 | 8 | 0 |
| PEMBROKE | 0 | 2 | 0 |
| PIETA' | 1 | 3 | 2 |
| QALA - GHAWDEX | 2 | 1 | 0 |
| QORMI | 2 | 5 | 3 |
| QRENDI | 0 | 3 | 0 |
| RABAT | 0 | 4 | 0 |
| RABAT - GHAWDEX | 0 | 0 | 2 |
| SAFI | 1 | 3 | 0 |
| SAN GILJAN | 3 | 14 | 4 |
| SAN GWANN | 4 | 4 | 1 |
| SAN PAWL IL-BAHAR | 5 | 35 | 8 |
| SANNAT - GHAWDEX | 2 | 1 | 0 |
| SANTA LUCIJA | 1 | 2 | 1 |
| SANTA VENERA | 1 | 9 | 3 |
| SIGGIEWI | 3 | 3 | 1 |
| SLIEMA | 5 | 17 | 4 |
| SWIEQI | 4 | 9 | 2 |
| TA' XBIEX | 0 | 1 | 0 |
| TARXIEN | 2 | 2 | 2 |
| VALLETTA | 4 | 12 | 4 |
| XAGHRA - GHAWDEX | 1 | 1 | 0 |
| XEWKIJA - GHAWDEX | 0 | 1 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| XGHAJRA | 0 | 1 | 0 |
| ZABBAR | 1 | 6 | 1 |
| ZEBBUG | 6 | 3 | 2 |
| ZEBBUG - GHAWDEX | 2 | 3 | 0 |
| ZEJTUN | 0 | 18 | 4 |
| ZURRIEQ | 0 | 1 | 1 |
| **2023** | | | |
| ATTARD | 0 | 1 | 0 |
| BALZAN | 0 | 1 | 1 |
| BIRKIRKARA | 1 | 1 | 1 |
| BIRZEBBUGIA | 1 | 2 | 4 |
| BORMLA | 1 | 5 | 2 |
| FLORIANA | 0 | 1 | 0 |
| FONTANA - GHAWDEX | 0 | 1 | 0 |
| GHAJNSIELEM - GHAWDEX | 0 | 2 | 0 |
| GHAXAQ | 1 | 1 | 0 |
| GZIRA | 0 | 1 | 0 |
| HAMRUN | 1 | 2 | 1 |
| ISLA | 1 | 0 | 0 |
| KALKARA | 0 | 1 | 0 |
| MARSA | 0 | 3 | 1 |
| MARSASKALA | 1 | 1 | 1 |
| MELLIEHA | 0 | 1 | 0 |
| MOSTA | 0 | 2 | 0 |
| MQABBA | 0 | 1 | 0 |
| MSIDA | 1 | 1 | 2 |
| MUNXAR - GHAWDEX | 0 | 3 | 0 |
| NAXXAR | 0 | 1 | 0 |
| PAOLA | 2 | 1 | 0 |
| PIETA' | 0 | 0 | 4 |
| QORMI | 0 | 3 | 0 |
| RABAT | 0 | 4 | 0 |
| RABAT - GHAWDEX | 0 | 2 | 0 |
| SAFI | 1 | 1 | 0 |
| SAN GILJAN | 1 | 2 | 1 |
| SAN GWANN | 1 | 3 | 1 |
| SAN PAWL IL-BAHAR | 1 | 5 | 2 |
| SANNAT - GHAWDEX | 1 | 0 | 0 |
| SANTA LUCIJA | 1 | 0 | 0 |
| SLIEMA | 2 | 7 | 0 |
| SWIEQI | 0 | 4 | 0 |
| TARXIEN | 0 | 2 | 0 |
| VALLETTA | 0 | 0 | 1 |
| XAGHRA - GHAWDEX | 1 | 0 | 0 |
| XEWKIJA - GHAWDEX | 0 | 1 | 0 |
| XGHAJRA | 0 | 1 | 0 |
| ZABBAR | 1 | 0 | 0 |
| ZEBBUG - GHAWDEX | 0 | 3 | 0 |
| ZEJTUN | 0 | 3 | 1 |

Seduta 118
08/05/2023

**BORD TA' MONITORAĠĠ GĦAL PERSUNI DETENUTI – RAPPORTI ANNWALI**

**8372. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport annwali tal-Bord ta' Monitoraġġ għal Persuni Detenuti għas-snin 2020, 2021 u 2022?

28/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti mitluba.

Seduta 118
08/05/2023

**ĦRUĠ TAL-ISKART MINN APPARTAMENT AIRBNB JEW TAL-KIRI**

**8373. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan tiegħu biex tissolva l-problema tal-ħruġ ta' skart minn appartament Airbnb jew tal-kiri f'diversi lokalitajiet?

28/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt illi nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweiba li kienet ingħatat għad-domanda parlamentari bin-numru 7062, ninsab infurmat illi qed jittieħdu miżuri wkoll sabiex jiżdied l-infurzar fuq min jinqabad li qed jabbuża u joħroġ il-borża mhux fil-ġurnata t-tajba skont kif indikat fl-iskeda nazzjonali.

Seduta 118
08/05/2023

**WBRU – MEMBRI**

**8374. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri li jifformaw il-Wild Birds Regulation Unit (WBRU)? Fuq liema kriterju ntgħażlu dawn il-membri u/jew lil min jirrappreżentaw? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapporti ta' kull sena mill-2018 sal-2023?

28/04/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tikkonsisti minn Direttur, Assistent Direttur u disa' uffiċjali oħra. L-uffiċjali kollha ġew impjegati fuq il-bażi tal-għarfien u l-esperjenza tagħhom fir-rigward tal-pożizzjoni li jaqdu. L-uffiċjali kollha jirrappreżentaw direttament lit-Taqsima. Fir-rigward tal-kopji tar-rapporti mitluba, mhuwiex ċar x'tip ta' rapporti qed jintalbu. Madankollu, ir-rapporti kollha ppubblikati mill-WBRU huma pubbliċi u disponibbli fuq il-websajt tagħha taħt is-sezzjoni 'Reports and Statistics'.

Seduta 118
08/05/2023

**ORNIS COMMITTEE – MEMBRI**

**8375. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri li jiffurmaw l-ORNIS Committee? Fuq liema kriterju ntgħażlu dawn il-membri u/jew lil min jirrappreżentaw?

28/04/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-membri tal-Kumitat Ornis jinħatru skont il-liġi.

Seduta 118
08/05/2023

**RABAT, ĦAD-DINGLI, TAS-SLIEMA U GŻIRA – TOROQ LI NGĦATAW IT-TARMAK**

**8376. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jippreżenta lista tat-toroq kollha li ngħataw it-tarmak mill-2013 sad-data ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari ġewwa r-Rabat Malta, Ħad-Dingli, Tas-Sliema u l-Gżira?

28/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 118
08/05/2023

**SKEJJEL POST-SEKONDARJI – JUNIOR COLLEGE – SKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**8385. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema tal-internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 tapplikax ukoll għall-istudenti tal-Junior College kollha li jinsabu fl-ewwel sena?

02/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskema msemmija tapplika għall-istudenti kollha li mis-Sekondarja komplew b'mod immeddjat l-istudji tagħhom post-sekondarja.

Seduta 118
08/05/2023

**SKEJJEL POST-SEKONDARJI – HIGHER SECONDARY – SKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**8386. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema tal-internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 tapplikax ukoll għall-istudenti tal-Higher Secondary kollha li jinsabu fl-ewwel sena?

02/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 8385.

Seduta 118
08/05/2023

**SKEJJEL POST-SEKONDARJI – ĠEM16+ – SKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**8387. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema tal-internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 tapplikax ukoll għall-istudenti tal-ĠEM16+ kollha?

02/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 8385.

Seduta 118
08/05/2023

**SKEJJEL POST-SEKONDARJI – ITS – SKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**8388. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema tal-internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 tapplikax ukoll għall-istudenti tal-ITS kollha li jinsabu fl-ewwel sena?

02/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-iskola msemmija ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tiegħi, nitlob lill-Onor. Interepellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 8385.

Seduta 118
08/05/2023

**SKEJJEL POST-SEKONDARJI – MCAST – SKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**8389. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema tal-internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 tapplikax ukoll għall-istudenti tal-MCAST kollha li jinsabu fl-ewwel sena?

02/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interepellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 8385.

Seduta 118
08/05/2023

**SKEJJEL POST-SEKONDARJI – UNIVERSITÀ TA' MALTA – SKEMA TA' INTERNET B'XEJN**

**8390. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema tal-internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 tapplikax ukoll għall-istudenti tal-Università kollha li jinsabu fl-ewwel sena?

02/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interepellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 8385.

Seduta 118
08/05/2023

**RAPPORTI DWAR FASTIDJU SESSWALI**

**8409. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu rapporti ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol lill-Pulizija fis-snin 2018, 2019 u 2020? Kemm minn dawn ir-rapporti saru minn nisa u kemm minn irġiel? Kemm ittellgħu l-Qorti minn dawn ir-rapporti/każijiet? F'kemm minn dawn ir-rapporti/każijiet li ttellgħu l-Qorti, is-suspettati nstabu ħatja?

02/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fil-perjodu indikat mill-Onor. Membru kien hemm tliet rapporti mal-Pulizija dwar fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol kif jidher fit-tabella hawn taħt. Ir-rapporti saru minn persuni femminili. Dettalji oħra mitluba f'din il-mistoqsija jinsabu fl-istess tabella.

| Sena | Numru ta' kazi | Persuni mressqa l-Qorti | Rizultat tal-kaz | Min għamel ir-rapport |
|---|---|---|---|---|
| 2018 | 1 | Persuna maskili | Illiberat | Persuna femminili |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2019 | 1 | Persuna maskili | Sub-judice | Persuna femminili |
| 2020 | 1 | Kaz investigat | - | Persuna femminili |

Seduta 118
08/05/2023

**RATIFIKAZZJONI TAL-KONVENZJONI TAL-ILO C190 VIOLENCE AND HARASSMENT**

**8410. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjani tal-Gvern biex tiġi ratifikata l-Konvenzjoni tal-International Labour Organisation (ILO) C190 Violence and Harassment addottata fl-2019 u li ġiet fis-seħħ f'Ġunju, 2021?

02/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 118
08/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - ANTI-HARASSMENT POLICY**

**8411. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamenatri 5731 u jgħid x'tip ta' "Anti-Harassment Policy" (għal fuq il-post tax-xogħol) teżisti fi ħdan il-Ministeru kif ukoll fi ħdan kull aġenzija u/jew dipartiment li jaqa' taħt dan il-Ministeru tiegħu?

02/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li rigward il-Ministeru, jirreferi għat-tweġiba 5724. Ridward l-entitajiet ħafna min dawn jew jaderixxi mal-istess dokument jew isegwu politika mħaddma fuq l-istess prinċipju.

Seduta 118
08/05/2023

**DATA DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA**

**8412. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li ma ngħatat l-ebda informazzjoni ta' data fuq il-vjolenza domestika f'Malta li tinġabar mill-European Institute of Gender Equality, hekk kif ġie rapportat fl-aħħar indiċi li ġew ippubblikati mill-istess Istitut f'Ottubru 2022?

02/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 118
08/05/2023

**PROTECTION ORDERS FUQ VITTMI TA' VJOLENZA DOMESTIKA**

**8413. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-Protection Orders u Temporary Protection Orders li ħarġu fis-snin 2020 u 2021 fuq vittmi ta' vjolenza domestika ġew miksura? X'tip ta' azzjoni ttieħdet f'kull każ? Kemm minn dawn ġew rapportati iktar minn darba?

02/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi data fuq il-ksur ta' Protection Orders u Temporary Protection Orders u s-sanzjonijiet marbuta magħhom ġiet ċentralizzata u bdiet tinġabar minn Ottubru 2020, meta twaqqfet it-Taqsima kontra il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika (GBDV) tal-Korp. Ma kenitx miżmuma data kif mitluba qabel dan il-perjodu. Fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2020 sa Diċembru 2021 kien hemm total ta' wieħed u erbgħin (41) kaz fejn Ordnijiet ta' Protezzjoni maħruġa fuq vittmi ta' vjolenza domestika ġew miksura. F'kull każ il-persuni responsabbli ġew akkużati bi ksur ta' dawn l-ordnijiet. F'erbgħa minn dawn il-każi il-persuni kkonċernati kisru l-ordni għal aktar min darba. Fl-istess perjodu kien hemm żewġ (2) każi ta' Ordnijiet ta' Protezzjoni Temporanja maħruġa fuq vittmi ta' vjolenza li ġew miksura u l-persuni responsabbli ġew akkuzati bi ksur ta' dawn l-ordnijiet. F'każ minnhom il-persuna kkonċernata kissret l-ordni darbtejn.

Seduta 118
08/05/2023

**ĠENITURI LI NSTABU ĦATJA TA' KSUR TAL-KODIĊI KRIMINALI**

**8414. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm missirijiet u ommijiet fis-snin 2021 u 2022 effettivament instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 339(z) dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(II) dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi, ħabs sospiż u/jew priġunerija?

02/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2021 kien hemm ħames (5) ommijiet u wieħed u tletin (31) missirijiet illi ntbagħtu l-ħabs wara li nstabu ħatja dwar nuqqas ta' ħlas tal-manteniment u aċċess ta' wlied minuri, żewġ (2) missirijiet weħlu sentenza sospiża, dsatax (19)-il omm u tletin (30) missirijiet weħlu sentenza ta' multi u sitt (6) ommijiet u missier wieħed (1) weħlu sentenza ta' twiddiba u ċanfira.

Rigward l-informazzjoni mitluba għas-sena 2022, ninforma lill-Onor. Interpellant li din qed tinġabar u se tinagħata f'seduta oħra.

Seduta 118
08/05/2023

**CCF - IMPJEGAT**

**8431. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu r-rwol li għandu l-impjegat, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u għaliex intgħażel biex jibda jaħdem fi ħdan il-Ħabs? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt li ngħata lil dan l-impjegat?

02/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-persuna riferuta huwa membru f'Korp Dixxiplinat li ġie assenjat biex jaqdi dmiru skont l-esiġenzi tas-servizz. Infurmat li ma jsir l-ebda ħlas ieħor mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi.

Seduta 118
08/05/2023

**CCF – UFFIĊJALI KORRETTIVI**

**8432. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali korrettivi jaħdmu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

02/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi t-total ta' ħaddiema fil-klassi korrettiva huwa ta' erba' mija u tmintax (418).

Seduta 118
08/05/2023

**CCF – IMPJEGATI PAJŻANA**

**8433. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati pajżana fi ħdan il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u x'inhuma r-rwoli rispettivi tagħhom?

02/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi impjegati pajżana fi ħdan l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi huwa ta' sebgħa u sittin (67) persuna. Din hija l-lista ta' rwoli rispettivi.

| Position |
|---|
| Chief Executive Officer |
| Head Security |
| Head Care, Reintegration & Education |
| Chief Administration Officer |
| Chief Financial Officer |
| Chief Payroll Officer |
| Senior Coordinator (Procurement) |
| Senior Coordinator (Logistics) |
| Coordinator (Media Relations) |
| Coordinator (Sports) |
| Coordinator (Accounts) |
| Intelligence Officer |
| Senior Administrative Officer |
| Administrative Officer |
| Clerical Officer II |
| Clerical Officer I |
| Senior Parole Clerk |
| Storekeeper |
| Dental Surgeon Assistant |
| Officer in Grade 14 {On Loan to Education} |
| Medical Officer |
| Charge Nurse |
| Staff Nurse (Full time) |
| Staff Nurse (Part time) |
| Principal Psychologist |
| Senior Psychologist |
| Psychologist |
| Psychology Practitioner |
| Psychology Assistant (Full time) |
| Psychology Assistant (Part time) |
| Senior Social Worker |

Seduta 118
08/05/2023

**FLORIANA – XOGĦLIJIET FUQ L-ILJUN**

**8452. L-ONOR. DAVINA SAMMUT HILI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema xogħlijiet saru fuq l-iljun tal-Floriana u xi pjanijiet hemm biex dan ix xogħol jitlesta?

02/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għaddej b'taħdidiet mal-entitajiet involuti għat-twettiq ta' dan il-proġett.

Seduta 118
08/05/2023

**SODOD TAL-ANZJANI ĠEWWA MALTA U GĦAWDEX**

**8453. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn sodod tal-anzjani bħalissa f'kull lokalità f'Malta u Għawdex li huma:
a. tal-privat (inkluż dawk mikrija mill-Gvern);
b. tal-Knisja; u
ċ. tal-Istat?
Kemm żdiedu sodod f'kull lokalità ta' Malta u Għawdex mill-2013 sal-2022? Kemm kien hemm sodod f'kull lokalità ta' Malta u Għawdex sal-aħħar tal-2012?

02/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità ġiet imwaqqfa fl-2018 u bdiet tirregola s-Settur tal-Anzjani mill-2019. Għalhekk, fuq il-Mejda tal-Kamra qed titpoġġa l-informazzjoni rispettiva mis-sena 2020 sas-sena 2022.

Seduta 118
08/05/2023

**LISTA TA' STENNIJA GĦAL ANZJANI LI MHUMIEX DIPENDENTI GĦALKOLLOX**

**8454. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għal dawk l-anzjani li mhumiex dipendenti għalkollox u m'għandhomx bżonn kura fir-Residenza San Vinċenz de Paul?

02/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li hemm 1556 anzjan li qed jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani fil-komunità. Dawn huma anzjani li m'għandhomx bżonn kura fir-Residenza San Vinċenz de Paul.

Seduta 118
08/05/2023

**PROJECTIONS TAL-GVERN DWAR ID-DJAR TAL-ANZJANI U S-SODOD GĦALL-ANZJANI**

**8455. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-projections tal-Gvern għad-djar tal-anzjani u s-sodod għall-anzjani fid-dawl li l-popolazzjoni ta' Malta żdiedet, iżda 20% tagħha huma barranin u l-birth rate tal-Maltin naqset:
a. għas-snin li ġejjin sal-2030; u
b. għall-għaxar snin ta' wara, sal-2040?

02/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru tal-Anzjanità Attiva, barra ż-żieda fil-popolazzjoni u l-fatturi l-oħra li ssemmew, hemm fatturi oħra, bħal tul ta' ħajja itwal u iktar servizzi fil-

komunità li jridu jiġu kkunsidrati. Huwa stmat li l-Gvern jixtri madwar 200 sodda ġdida fis-sena meta wieħed jikkunsidra wkoll l-imwiet li jkun hemm fil-care homes kull sena u ż-żieda fis-sodod ta' kull sena, flimkien mad-domanda. Però s-sitwazzjoni tiġi evalwata l-ħin kollu sabiex ikun hemm rispons adegwat minnufih jekk ikun hemm xi problema, bħal meta tagħlaq xi dar tal-anzjani. Għalhekk, id-dipartiment jimmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni.

Aktar importanti minn żieda fis-sodod, il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva qed iżid bosta servizzi sabiex aktar anzjani ikunu jistgħu ikomplu jgħixu b'mod b'saħħtu u attiv fil-komunità.

Seduta 118
08/05/2023

**RESIDENZI TAL-ANZJANI B'PERMEZZ TA' LUKANDA**

**8456. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il dar tal-anzjani kellha permess ta' lukanda u issa qed tilqa' l-anzjani għax inqalbet f'residenza?

02/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li s-Social Care Standards Authority (SCSA) ma jkollhiex informazzjoni jekk Dar għall-Anzjani kellhiex xi darba permess ta' lukanda. Għas-SCSA l-importanti hu li d-djar residenzjali tal-anzjani li jiġu pproċessati huma skont l-istandards regolatorji dwar Servizzi Residenzjali għall-Anzjani.

Seduta 118
08/05/2023

**MINIMUM REQUIREMENTS GĦAD-DJAR TAL-ANZJANI**

**8457. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-minimum requirements li jrid ikollha kull dar tal-anzjani? X'inhi l-bed occupancy vs il-health carer ratio?

02/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li r-requirements li jrid ikollha kull dar tal-anzjan huma msemmija fl-istandards soċjali regolatorji dwar Servizzi Residenzjali għall-Anzjani kif ukoll li huma msaħħa bl-Avviż Legali L.S. 582.16.

Seduta 118
08/05/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – APPLIKAZZJONIJIET MINN DJAR TAL-ANZJANI**

**8458. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk applikazzjonijiet għal djar tal-anzjani jistgħux jingħataw żieda ta' żewg sulari fuq dak li tiddetta l-policy? Jekk iva, meta tiġi evalwata applikazzjoni għal din it-talba ta' permess tal-iżvilupp, jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Ippjanar:
a. timxix skont projections nazzjonali li juru li hemm ħtieġa fil-futur skont kif stipulat mill-Ministeru għall-Anzjani; u/jew
b. titlobx contingency plan finanzjaru ta' tali applikazzjoni biex tara jekk il-proġett huwiex vijabbli skont il-bed occupancy u l-health carer ratio qabel ma jingħataw is-sulari żejda?

02/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li applikazzjonijiet għal bini li huwa esklussivament għal djar tal-anzjani jista' jingħata għoli ta' żewg sulari aktar minn dak kif stipulat fil-Pjani Lokali diment li l-kriterji kollha li titlob il-"Height Limitation Adjustment Policy for Retirement Homes" jiġu sodisfatti. Lokalitajiet li jinsabu barra ż-żona tal-iżvilupp, siti skedati u protetti, siti fi trufijiet fejn hemm diżlivelli, siti ġo wħud minn "settlements" żgħar kif ukoll ġo "Residential Priority Areas" ma jikkwalifikawx taħt din il-policy.

Seduta 118
08/05/2023

**ENVIRONMENT PROTECTION UNIT - ĦADDIEMA F'GĦAWDEX**

**8464. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-Environment Protection Unit (EPU) hijiex qed topera ġewwa Għawdex? Jekk fl-affermattiv, kemm hemm uffiċjali jservu f' dan it-territorju?

02/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 118
08/05/2023

**BARRIERI F'MALTA U GĦAWDEX**

**8465. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn barrieri f'Malta u Għawdex? Kemm minnhom għadhom jintużaw u kemm minnhom m'għadhomx jintużaw?

02/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 118
08/05/2023

**KONĊESSJONIJIET GĦALL-PORT IL-KBIR U L-PORT TA' MARSAXLOKK**

**8468. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8280 dwar il-pubblikazzjoni tal-ftehim ta' konċessjoni tal-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsaxlokk, jista' l-Ministru jneħħi dak kollu (ammonti/figuri) kummerċjalment sensittiv u jissottometti dawn il-konċessjonijiet?

02/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-materjal tal-konċessjoni tal-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsaxlokk jitqies kollu bħala ta' natura kummerċjalmnet sensittiva, għaldaqstant ma nistgħux nipprovdu d-dokumenti rikjesti.

Seduta 118
08/05/2023

**ĊENTRU SERVIZZ ANZJAN - ĦADDIEMA F'GĦAWDEX**

**8474. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8307 jista' l-Ministru jkun aktar ċar u jgħid kemm qed jiswa s-servizz li qed jingħata mit-tliet kuntratturi fiċ-Ċentru Servizz Anzjan fi Triq ir-Repubblika, fir-Rabat, Għawdex?

03/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 118
08/05/2023

**CRPD – TNEĦĦIJA TA' BLUE BAY PARKING**

**8495. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għall-applikazzjoni PA03215/20, fejn il-Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) ma sabitx problema li jitneħħa disabled blue bay parking biex minflok ikun hemm pompa tal-petrol, tista' l-Ministru tgħid kif l-istess CRPD waslet għal din il-konklużjoni li tapprova t-tneħħija ta' dan il-parking bay f'żona li diġà hija problema kbira għall-persuni bil-blue badge biex isibu fejn jipparkjaw il-vettura tagħhom?

04/05/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għall-kuntrarju ta' dak li qed jafferma fid-domanda tiegħu, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) effettivament sabet problema li jitneħħa l-parkeġġ riservat. Tant hu hekk, illi hi approvat il-permess mil-lat ta' aċċessibilità b'riżervi, bl-ewwel waħda tkun illi dak il-parkeġġ partikolari għandu jinżamm u li għandu jkun hemm parkeġġ riservat. Dan huwa faċilment verifikabbli mill-pjattaforma E-Apps tal-Awtorità tal-Ippjanar, iżda għal kull bon fini, qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-Accessibility Audit Report tal-Kummissjoni datat 20 ta' Ottubru 2022. Fuq il-Mejda tal-Kamra qed inpoġġi wkoll il-Case Officer Report li a fol 5 jagħmel referenza għal-fatt li s-CRPD għandha xi riżervi, u a fol 9 jimponi li l-iżvilupp huwa suġġett għall-clearancemingħand is-CRPD skont l-Accessibility Audit Report tagħha sabiex l-Awtorità tal-Ippjanar toħroġ il-Final Compliance (Compliance) Certificate. Sallum, is-CRPD ma rċevietx talba biex toħroġ il-clearance tagħha, lanqas ma ġiet ikkonsultata dwar il-pjanti ġodda li ssottometta l-applikant wara Ottubru 2022.
Tajjeb li nfakkar lill-Onor. Interpellant illi ma hemm xejn li jżomm Kunsill Lokali milli jitlob sabiex jiġu installati parkeġġ riservati, liema talba għandha ssir lill-awtorità komptenti, li m'hijiex is-CRPD.

Seduta 118
08/05/2023

**AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA – ĦADDIEMA FL-ISKALI 10 SA 14**

**8518. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8288 u allura jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7890, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm hawn ħaddiema fl-'Amministrazzjoni Pubblika' ġewwa Malta u Għawdex fl-iskali 10 sa 14, esklużi l-pulizija, l-għalliema, it-tobba, l-infermiera u l-qwiebel?

04/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li preżentament hemm 8,842 ħaddiem fl-Amministrazzjoni Pubblika ġewwa Malta u Għawdex fl-iskali 10 sa 14. Fl-istess perjodu fl-2022, dawn kienu jammontaw għal 8,848.

Seduta 118
08/05/2023